

Brussell, 4 ta' Ġunju 2021  
(OR. en)

9143/21

---

**Fajl Interistituzzjonali:**  
**2020/0310(COD)**

---

**SOC 382**  
**EMPL 284**  
**CODEC 838**

**NOTA**

---

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill  
lil: Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill

---

Suġġett: Proposta għal DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar pagi minimi adegwati fl-Unjoni Ewropea  
*- Dibattitu ta' orjentazzjoni*

---

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż in-nota ta' gwida mill-Presidenza dwar is-suġġett ta' hawn fuq, bil-ħsieb tal-Kunsill EPSCO tal-14 ta' Ġunju 2021.

Il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, ipproklammat f'Gothenburg fis-17 ta' Novembru 2017, jistipula fil-kapitolu II sett ta' prinċipji li jipprovdu gwida dwar l-iżgurar ta' kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti. Il-prinċipju Nru 6 jafferma mill-ġdid id-dritt tal-ħaddiema għal pagi ġusti li jipprovdu għal standard ta' għajxien deċenti. Jipprevedi wkoll li pagi minimi adegwati għandhom ikunu żgurati, b'tali mod li jissodisfaw il-bżonnijiet tal-ħaddiema u tal-familji tagħhom skont il-kundizzjonijiet ekonomiċi u soċjali nazzjonali, filwaqt li jissalvagwardjaw l-aċċess għall-impjegi u l-inċentivi li jfittxu xogħol. Barra minn dan, ifakkar li l-faqar fost dawk li jaħdmu għandu jiġi evitat u li l-pagi kollha għandhom jiġu ffissati b'mod trasparenti u prevedibbli u jirrispettaw l-awtonomija tas-sħab soċjali.

Madankollu, fl-2019, disgħa minn kull 100 ħaddiem fl-Unjoni kien għad għandhom introjtu disponibbli taħt il-livell limitu tar-riskju ta' faqar<sup>1</sup>. Anke fost il-ħaddiema bi protezzjoni tal-paga minima, fl-2020, sebgħa minn kull 10 irrappurtaw mill-inqas xi diffikultà biex ilaħħqu mal-ħajja, b'ċifri li jvarjaw ħafna bejn il-pajjiżi<sup>2</sup>.

Sabiex ittejjeb il-protezzjoni tal-ħaddiema fl-Unjoni permezz ta' pagi minimi adegwati, f'Ottubru 2020 il-Kummissjoni adottat proposta għal Direttiva dwar pagi minimi adegwati fl-Unjoni Ewropea. Il-proposta għandha l-għan li tistabbilixxi qafas fil-livell tal-Unjoni biex jiġi żgurat li l-pagi minimi jiġu ffissati f'livell adegwat u li l-ħaddiema jkollhom aċċess għall-protezzjoni tal-paga minima, fil-forma ta' paga minima statutorja jew fil-forma ta' pagi ffissati permezz ta' ftehimiet kollettivi.

Wara x-xewqa ta' xi delegazzjonijiet u sabiex tingħata aktar spinta lill-ħidma politika, il-Presidenza tqis li jkun ta' għajjnuna għall-Kunsill li jkollu skambju ta' fehmiet dwar l-aspetti li ġejjin:

- 1. Liema huwa l-aktar titjib importanti tal-protezzjoni tal-paga minima madwar l-Unjoni li tistennew li jirriżultaw mid-Direttiva?*
- 2. Liema huma l-aktar elementi kritiċi fil-proposta biex tiġi żgurata l-adeqwatezza tal-pagi minimi fil-qafas komuni li d-Direttiva timmira li tistabbilixxi?*

---

<sup>1</sup> Eurostat, SDG\_01\_41.

<sup>2</sup> Eurofound, Minimum Wages in 2020, Annual review (Il-paga minima fl-2020, Rieżami annwali).